MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 29/2010

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3073/09 pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet:**

**UHY Business Advisory Services Ltd (C36104)**
**u Gap Advisory Services Ltd (C29186)**

**Vs**

**Ecotrade Limited (C27394)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti wara li ppremettiet illi l-mandat kawtelatorju fuq imsemmi inhareg fuq talba tas-socjetaijiet UHY Business Advisory Services Ltd u Gap Advisory Ltd sabiex jikkawtelaw l-pretensjoni taghom ghall-pagament da parti tas-socjeta' rikorrenti tas-somma ta' disat elef u erbgha u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€9,054.59);

Illi kontestwalment ma’ l-imsemmi mandat, u cioe’ fid-9 ta’ Ottubru 2009, is-socjetajiet sekwestranti pprezentaw ittra ufficjali konra s-socjeta’ rikorrenti ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li permezz taghha vvantaw il-pretensjoni taghhom suggett tal-mandat in kwistjoni;

Illi huwa sottomess illi dan il-mandat ghandu jigi revokat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 836(1) (f) ta’ l-istess Kap. 12 u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi dan il-mandat sar evidentament bhala manuvra ta’ *bullying tactic* u/jew *arm twisting* kontra s-socjeta’ rikorrenti u bhala risposta ghall-ittra legali li ntbaghtet lil UHY Pace, Galea Musu’ & Co mill-istess socjeta’ rikorrenti fil-25 ta’ Settembru 2009 (ara Dok A anness mar-rikors). Jinghad illi UHY Pace, Galea Musu’ & Co hija ditta ta’ awdituri gestita minn *inter alia* Paula Pace li tigi d-Direttur taz-zewg socjetajiet sekwestranti u Pierre Galea Musu’ li hu *Shareholder* fiz-zewg sekwestranti;

Illi UHY Pace, Galea Musu’ & Co, UHY Business Advisory Services Ltd u Gap Advisory Services Ltd jew min minnhom kienu fil-passat gew inkarigati mis-socjeta’ rikorrenti sabiex jtuha servizzi ta’ *accountancy u auditing* liema servizzi kienu jinkludu fost affarijiet ohra l-hidma, preparamenti u sottomissjoni tal-VAT *returns* ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti;

Illi minhabba traskuragni u/jew negligenza fil-professjoni taghhom UHY Pace, Galea Musu’ & Co, UHY Business Advisory Services Ltd u Gap Advisory Services Ltd jew min minnhom naqsu milli jahdmu u jissottomettu l-*VAT returns* tas-socjeta’ rikorrenti ghal perjodu ta’ zmien wara Dicembru tas-sena 2004.

Illi inoltre’ UHY Pace, Galea Musu’ & Co, UHY Business Advisory Services Ltd u Gap Advisory Services Ltd jew min minnhom naqsu milli jghaddu lura lis-socjeta’ rikorrenti d-dokumenti relattivi ghall-perjodu in kwistjoni, liema dokumenti gew *ex-admissis* mizmuma minnhom

sabiex ikunu jistghu jisfurzaw lis-socjeta' rikorrenti thallashom flus illi ma kienux dovuti lilhom;

Illi dawn id-dokumenti huma proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti u minghajrhom huwa difficli hafna jekk mhux impossibbli illi tkun tista' tigi rregolata s-sitwazzoni fiskali taghha;

Illi b'rizultat ta' dan l-agir irresponsabbli, is-socjeta' rikorrenti inkorriet danni konsistenti f'diversi penalitajiet u imghaxijiet inutli fuq l-ammont li kien dovut minnha lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li min-naha tieghu beda proceduri gudizzjarji kontriha;

Illi fl-ittra legali li ntbaghtet lil UHY Pace, Galea Musu' & Co mill-istess socjeta' rikorrenti fil-25 ta' Settembru 2009 din giet interpelalta sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni;

Illi gimghatejn biss wara, s-socjetajiet sekwestranti talbu l-hrug ta' l-imsemmi mandat kawtelatorju sabiex jikkawtelaw somma ta' flus allegatament dovuta lilhom mis-socjeta' rikorrenti u dan minghajr ebda pre-avviz;

Illi ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, meta tigi pprezentata ittra uficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A kontestwalment ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ir-rikorrent ghandu jipprezenta l-kawza fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-prezentata ta' nota tal-kontestazzjoni jew inkella fi zmien sittin (60) gurnata mid-data tal-hrug tal-mandat, jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni, skond liema data tigi l-ewwel;

Illi l–ittra ufficjali ai termini ta' l-Aritkolu 166A giet ikkontesta mis-socjeta' rikorrenti permezz ta' nota pprezentata fil-21 ta' Dicembru 2009 (Ara Dok B anness);

Illi sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors is-socjetajiet sekwestranti baqghu ma ntavolaw l-ebda kawza insegwitu ta' l-imsemmi mandat u sadanittant is-socjeta' rikorrenti tinsab f'qaghda finanzjarja prekarja peress illi ma' tistax tutilizza l-assi bankarji taghha;

Illi dan ikompli jikkonferma kemm it-talba ghall-hrug ta' l-imsemmi mandat kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja, u intiza biss biex tintimida lis-socjeta' rikorrenti sabiex ma tiehux passi gudizzjarji fil-konfront tas-socjetajiet sekwestranti u/jew ta' UHY Pace, Galea Musu' & Co;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi jidher car, anke *prima facie*, illi ma jkunx ragjonevoli jew gustifikabbli li jinzamm fis-sehh il-mandat kawtelatorju imsemmi;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi rikorrenti ghandha provi cari illi juru illi l–ammont pretiz mis-socjetajiet sekwestranti m'huwiex dovut kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt mhux l-anqas minhabba li hu milqut bil-preskrizzjoni, izda tapprezza illi f'dan l-istadju l-ezami li trid taghmel din l-Onorabbli Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*;

Talbet umilment illi din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. tiddikjara illi ai terminita' l-Artikolu 836(1)(f) fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli;
2. tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'effett immedjat;
3. tiddikjara illi s-socjetajiet sekwestranti minghajr raguni valida ma pprezentawx il-kawza dwar it-talba taghhom fiz-zmien stabbilit bil-ligi, illi naqsu milli jitolbu lis-socjeta' rikorrenti l-hlas ta' l-allegat dejn fi zmien hmistax-il jum qabel il-hrug tal-mandat, u li l-istess talba taghhom kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;
4. tikkundanna lis-socjetajiet sekwestranti *insolidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12).

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors u li jinsabu a fol 4 u fol 5 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fl-4 ta' Frar 2010 (fol 7 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati (fol 10 et seq ibid) u li biha esponew bir-rispett:

Illi l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' intimata illi l-mandat in kwistjoni sar bhala manuvra ta' *bullying tactic/jew arm twisting* qeghdin jigu michuda mis-socjeta' esponenti bl-aktar mod kategoriku;

Illi fil-fatt l-allegati manuvri saru mis-socjeta' intimata stante illi kienet l-istess socjeta' li baghtet ittra legali lil UHY Pace, Galea Musu' & Co biex b'hekk tintimida lis-socjeta' esponenti u ma tiehux passi gudizzjarji u ghaldaqstant l-istess socjeta' intimata tezonera ruhha milli thallas dak li hu realment dovut lis-socjeta' esponenti;

Illi kontestwalment ma' din ir-risposta qeghda tigi pprezentata ir-revoka tal-mandat su referit u dan mhux ghaliex s-socjeta' esponenti riedet tkun vassatorja kif gie allegat, izda ghaliex wara li gew konstatati certi fatti, irrizulta illis-socjeta' intimata ma hiex f'pozizzjoni li tissodisfa l-pretensjonijiet tas-socjeta' esponenti, kif fil-fatt gie kkonfermat fir-rikors tas-socjeta' intimata stess fejn gie ikkwotat illi – is-socjeta' rikorrenti f'qaghda finanzjarja prekarja'.

Illi ghal din l-istess raguni s-socjeta' esponenti ma pprezentatx kawza fl-ismijiet premessi fiz-zmien stipulat mill-ligi stante illi l-ispejjez tal-kawza kienu ser isiru inutiment peress illi s-socjeta' intimata m'hiex f'posizzjoni li thallas dak dovut minnha. Is-socjeta' esponenti ikkunsidrat illi jkun aktar vijabbli illi tikkunsidra l-ammont dovut mis-socjeta' intimata bhala *bad debts* milli tkompli bil-proceduri legali;

Tant ghandha x'tissottometti f'dan l-istadju s-socjeta' esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2010 (fol 8 et seq ibid) minn fejn jirrizulta illi '... l-ewwel zewg talbiet ma ghandhomx jigu kundsiderati aktar peress li llum stess gie dekretat il-kontro mandat vis-à-vis il-mandat in esami', fatt li jista' jigi konfermat minn din il-Qorti, kif presjeduta 'li awtorizzat' il-hrug ta' dan il-kontro mandat (622/2010).

Rat id-dokumenti esebiti a fol 12 (il-mandat in esami) sa fol 17 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in vista ta' dak verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2010, kif hemm fuq citat, l-ewwel zewg (2) talbiet jistghu ma jigu konsiderati u decizi u ghalhekk, din id-decizjoni hi limitata biss, ghat-tielet (3) u raba' (4) talba.

Illi, in rigward it-tielet (3) talba, jidher li din hi marbuta, bhala premessa, ghar-raba wahda, jrid jinghad illi skond kif hemm imnizzel fl-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull persuna tista' tikkawtela kwalunkwe dritt li jista', allegatament jkollha permezz ta' att kawtelatorju mahrug u esegwit fuq ir-responsabilita tal-istess persuna li llum talbitu, bil-kundizzjoni li tkun konformi mal-kondizzjonijiet specifikati fl-istess Kapitolu. Fl-artikolu 830(2), li jirregola ir-rexissjoni ta' atti kawtelatorji fosthom it-termini ta' zmien specifikat sabiex il-kreditur jintavola l-azzjoni u l-iskadenza taghhom, dekorribbli mid-data tal-hrug tal-istess mandat.

Fil-fatt l-artiklu 836(1) jghid illi jista' jigi intavolat rikors li permezz tieghu jintalab il-hrug tal-opportun kontro-mandat f'kaz li l-att kawtelatorju ma baqax 'in vigore' (ara ukoll is-subinciz tnejn (2) tal-istess artikolu). L-istess artikolu 836 fis-subinciz tmienja (8) jghid illi l-Qorti tista' tordna lill-persuna li tkun ottjeniet il-hrug ta' mandat kawtelatorju f'kaz li dan ma jkunx ppresenta l-kawza dwar it-talba u z-zmien stabbilit mill-ligi illi jhallas, il-penali hemm msemmija. F'dan il-kaz, tenut kont illi talba bhal din ghall-hlas ta' penali hi fakoltattiva. Wara hu minnu illi jidher illi

s-socjetajiet intimati ma ppresentawx kawza skond l-artikolu 166A abbinat mal-artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara fol 2 paragrafu 6 tar-rikors promotur). Dan jidher bhala fatt mill-istess risposta tas-socjetajiet intimati (fol 10 l-ahhar paragarfu) u ghar-raguni hemm premessa ghal dan in-nuqqas da parti tas-socjetajiet intimati li jintavolaw l-azzjoni fit-termini skond il-ligi. Wara li gew konsiderati dawn il-fatti, l-istess Qorti tara illi ghadha tesercita d-deskrizzjoni moghti lilha mill-ligi li ma timponi l-ebda penali. Inoltre ma rrisultax illi l-agir tas-socjetajiet intimati kien b’xi mod, frivolu, vessatorju jew malizzjuz.

Ghal daqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) u t-tieni (2) talba waqt li tichad it-talbiet rimanenti.

In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partjiiet waqt l-ispejjes tar-Registru jithallsu nofs (1/2) mis-socjeta rikorrenti u nofs (1/2) mis-socjetajiet intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------